17 ta' Jannar, 1953.

Imħallef:
L-Onor. Dr. W. Harding, B.Litt., LL.D.

**Il-Pulizija** *versus* **George Debono**

**Reċidiva — Art. 52 tal-Kodiċi Kriminali.**

*Meta si tratta ta' reċidivea speċjali kontemplata għal regolamenti determinati, bħal ma huma r-regolamenti dwar il-kontroll tal-bejgħ ta' prodotti tal-biedja, mhiex applikabili d-dispożizzjoni dwar ir-reċidiva in ġenerali kontemplata fil-Kodiċi Kriminali, u li tirrendi inapplikabili r-reċidiva meta jkun għadda ż-żmien preskrizzjonali mill-kundanna preċedenti. U għalhekk, jekk dawk ir-regolamenti jikkomminaw il-piena tar-reċidiva bla ebda limiti ta' żmien, l-imputat ma jistax jinvoka favur tiegħu d-dispożizzjoni tal-liġi dwar ir-reċidiva ġenerali.*

B'sentenza tal-Qorti Kriminali tal-Maġistrati ta' Malta ta' l-ewwel ta' Diċembru 1952, l-imputat instab ħati ta' bejgħ ta' prodott tal-biedja bi prezz aktar minn dak fissat, u, stante li kien ġie kundannat darbtejn qabel, ġie kundannat għall-multa ta' £20 u għas-sospensjoni tal-liċenza għal żmien xahar mis-6 ta' Diċembru 1952;

L-imputat appella, limitatament għar-reċidiva u l-konsegwenzi tagħha fil-piena;

Il-Qorti tirrileva li ebda waħda mir-raġunijiet addotti mill-appellant biex isostni l-appell tiegħu ma hija valida;

Fl-ewwel lok, l-appellant qal li hu kien ġie kundannat

in bażi għar-regolamenti ta' qabel, u mhux dawn. Iżda fir-"repealing clause (28)" hemm ir-riżerva solita li r-revoka qiegħda ssir bla ħsara ta' kull ma sar taħt ir-regolamenti preċedenti; u kwindi bla ħsara tal-konsegwenzi ta' kundanna taħt dawk ir-regolamenti;

Fit-tieni lok, l-appellant qal li r-reċidiva hija preskritta. Dan kien ikun talvolta sewwa kieku kien il-każ ta' l-applikazzjoni tar-reċidiva "ġenerali" in bażi għall-art. 53 Kap. 12, li jawtorizza li tiġi eżasperata l-piena meta persuna tikkommetti kontravvenzjoni oħra fi żmien tliet xhur mid-data ta' l-espjazzjoni jew remissjoni tal-piena preċedenti. Imma hawn si tratta ta' reċidiva speċjali għal dawn ir-regolamenti, b'awment ta' piena speċifikatament kontemplat "u bla ebda limiti ta' żmien";

Għalhekk l-appell hu miċħud, u s-sentenza appellata konfermata. Is-sospensjoni tibda tgħaddi minn nhar is-Sibt li ġej, 24 ta' Jannar 1953.